MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 249/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Teresa Bonnici, Martin Bonnici u Antonia Micallef.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 13 ta' April 2004 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi fil-11 ta' April 2000 il-fond numru ghoxrin (20) fi Triq il-Parrocca, kantuniera ma' Triq Kurat Schembri Mosta flimkien maz-zewg garaxxijiet kontigwi u mnifda ma' xulxin li jikkonsistu f'hanut u f'ufficcju sottostanti ghal fond fuq imsemmi numerati ghoxrin sbarra wiehed u ghoxrin

(20/21) fi Triq Kurat - Schembri Mosta gew liberati a favur tas-socjeta` attrici fil-bejgh bl-irkant mizmum taht l-awtorita' ta' din il-Qorti fl-istess jum imsemmi u fuq talba tal-istess atturi u dan kif jirrizulta mill-anness dokument 'A'.

Illi sa minn dakinhar il-proprjeta' in kwistjoni kienet u baqghet okkupata u detenuta mill-konvenuti abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi s-socjeta' attrici qieghda wkoll issofri danni minhabba din l-okkupazzjoni illegali ta’ din il-proprjeta' liema danni jikkonsistu fit-telf ta' kera illi talvolta kienet tkun qieghda tigi ricevuta mis-socjeta' attrici kieku l-proprjeta' kienet vojta.

Illi s-socjeta' attrici inkarigat lill-Perit, Arkitett Carm Farrugia sabiex jaghmel stima tal-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni u fil-5 ta' Jannar 2004 hareg certifikat fis-sens illi l-valur lokatizju annwali tal-proprjeta' in kwistjoni hija ta' tlett elef, sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm3,625) fis-sena u dan kif jirrizulta ahjar mill-anness dokument. 'B' u liema stima giet ukoll ibbazata fuq l-istima maghmula fl-atti tas-subbasta in kwistjoni mill-Perit Arkitett Richard Aquilina li kopja taghha qieghda tigi wkoll hawn annessa bhala dokument 'C' flimkien ma’ pjanta tal-proprjeta' in kwistjoni dokument 'D'.

Illi ghalhekk id-danni sofferti sallum mis-socjeta' attrici *a tenur* tal-istima imsemmija u minhabba l-okkupazzjoni illegali tal-proprjeta` in kwistjoni mill-konvenuti hija ta' erbatax-il elf u hames mitt lira Maltija (Lm14,500) u dan ghal perjodu bejn il-11 ta' April 2000 u l-10 ta' April 2004, u;

Billi l-konvenuti gew interpellati kemm-il darba mis-socjeta' attrici kemm sabiex jizgumbraw mill-proprjeta' in kwistjoni kif ukoll biex ihallsu d-danni imsemmija dovuti lilha, pero' dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw u jiddetjenu l-proprjeta' 20 Triq il-Parrocca u 20/21 Triq Kurat Schembri l-Mosta abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Tordna, ghalhekk, l-izgumbrament tal-konvenuti mill-istess proprjeta' u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat lilhom minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-soojeta' attrici sofriet u qieghda ssofri danni minhabba l-agir tal-konvenuti liema danni jikkonsistu fit-telf ta' kera kif fuq imsemmi.

4. Tordna, ghalhekk, lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbatax-il elf u hames mitt lira Maltija (Lm14,500) dovuti *in via* ta' danni kif fuq imsemmi kalkolabbli sal-10 ta’ April 2004, jew ammont iehor verjuri *in via* ta' danni li jigu likwidati minn din l-Qorti jekk ikun il-kaz, u f'kull kaz flimkien ma’ dawk id-danni ulterjuri kalkolabbli *per diem* u *pro rata* sad-data tal-izgumbrament relattiv.

Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Frar 2004, u bl-imghaxijiet relattivi kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu mharrkin ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Teresa Bonnici datata 10 ta’ Novembru 2004 (fol 43) fejn esponiet : -

1. It-talbiet attrici huma insostenibbli ghad illi r-rikors tas-27 ta' Settembru 1999 li bih intalab il-bejgh bl-irkant tal-fond numru ghoxrin (20) fi Triq il-Parrocca kantuniera ma Triq Kurat Schembri, Mosta, u taz-zewg garaxxijiet kontigwi u mnifda ma’ xulxin numerati ghoxrin sbarra wiehed u ghoxrin (20/21) fi Triq Kurat Schembri, Mosta, u d-digriet relattiv tas-6 ta' Ottubru 1999 fl-atti tas-subbasta numru 103/99, kif ukoll ir-rikors bit-talba tal-bank attur sabiex joffri *animo compensandi* fl-atti tal-istess subbasta u d-digriet relattiv ma gewx notifikati lill-eccipjenti; u ghaldaqstant il-liberazzjoni tas-17 ta' Frar 2000 hija irregolari u illegali.

2. Illi kontestwalment qieghda tigi pprezentata citazzjoni sabiex jigu revokati *contrario imperio* kawza n-nuqqas ta' notifiki mehtiega lill-eccipjenti Teresa Bonnici kemm id-digiret fl-atti tas-subbasta numru 103/99 datat 6 ta' Ottubru 1999 kif ukoll id-digriet fl-istess att ta' subbasta li permezz tieghu giet approvata t-talba tal-bank attur li joffri *animo compensandi.*

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn xehdet Teresa Bonnici. Il-Qorti ddikjarat maghluqa l-istadju tal-gbir tal-provi. L-Avukati tal-partijiet trattaw il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tal-31 ta' Ottubru 2012 fejn b' ordni tal-Qorti u peress li kienet tehtieg iktar zmien ghall-ghoti tas-sentenza, il-kawza giet differita ghal dan il-ghan ghall-14 ta' Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat id-Digriet in Camera tas-7 ta' Frar 2013 (fol 81) moghti minn din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn :-

***"Il-Qorti,***

*Wara li l-kawza premessa giet assenjata lilha;*
*Wara li hadet konjizzjoni tal-process u nnotat li kien hemm trattazzjoni verbali tad-difensuri tal-partijiet li, izda ma gietx registrata;*
*U fl-assenza ta' sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet;*
*Tqis li jkun ghall-ahjar interess tal-gustizzja li taghti lill-partijiet l-opportunita` li jaghzlu li jergghu jittrattaw il-kaz quddiemha kif attwalment presjeduta.*

*Tordna lid-difensuri tal-partijiet sabiex jidhru fis-seduta li jmiss fl-14 ta' Frar 2013 sabiex jigi ffissat appuntament ghat-trattazzjoni finali tal-kaz quddiem din il-Qorti u fin-nuqqas il-kawza tithalla ghas-sentenza."*

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Frar 2013 u tas-16 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fl-ahhar seduta meta ssejhet il-kawza deher Dr. Francis Lanfranco ghas-socjeta` attrici li rrimetta ruhu ghall-provi esebiti fil-process. Il-Qorti rat l-Art. 173 tal-Kap 12 u awtorizzat lill-konvenuta sabiex tressaq is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2013 bil-*visto* tal-kontro-parti. Dehret ukoll Dr. Sylvana Demicoli ghall-Bank attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-19 ta' Novembru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qed tipprocedi ghall-izgumbrament tal-konvenuti mill-proprjeta' li tghid li qed jiddetjenu minghajr titlu, liema proprjeta` ggib in-numru 20 fi Triq il-Parrocca l-Mosta u 20/21 fi Triq Kurat Schembri, il-Mosta. Is-socjeta' attrici ippremettiet li dawn il-proprjetajiet gew liberati favur taghha fil-bejgh bl-irkant li sar taht l-awtorita` tal-Qorti kompetenti (**Dok.A)**. *Inoltre* qed titlob risarciment ghall-okkupazzjoni tal-intimati minghajr titlu fl-ammont ta' Lm14,500.

**Il-konvenuti** opponew ghat-talbiet billi sostnew li l-liberazzjoni tal-fondi mertu ta' din il-kawza favur il-Bank huma nulli minhabba li ma gewx notifikati bir-rikors tas-27 ta' Settembru 1999, li bih intalab il-bejgh bl-irkant tal-fondi, bid-digriet relattiv tas-6 ta' Ottubru 1999, fl-atti tas-subbasta 103/99, kif ukoll bir-rikors tal-Bank bit-talba biex joffri *animo compensandi* u digriet relattiv fl-atti tal-istess subbasta. Kontestwalment man-nota, giet prezentata citazzjoni sabiex jigu revokati *contrario imperio* d-digriet tas-6 ta' Ottubru 1999 kif ukoll d-digriet ta' approvazzjoni

tat-talba tal-bank li joffri *animo compensandi,* minhabba nuqqas ta' notifiki mehtiega.

Din il-kawza hija miexja mal-kawza fl-ismijiet *"Teresa Bonnici -v- HSBC Bank Malta p.l.c.* (Citazz.861/04LSO) u s-sentenza odjerna tiddependi fuq is-sentenza moghtija f'dik il-kawza li maghha hija konnessa.

**PROVI PRODOTTI**

**Xehed Adrian Borg**[1], Prokuratur legali mal-Bank konvenut u kkonferma li kien mexxa proceduri ghall-bejgh b'subbasta tal-konjugi Joseph u Teresa Bonnici fuq dejn personali taghhom u tas-socjeta *Bonear Communications Limited.* Wara l-bejgh bl-irkant li sar fil-11 ta' April 2000 gew liberati favur il-Bank il-fond numru 20, fi Triq il-Parrocca, kantuniera ma' Triq Kurat Schembri, Mosta, u z-zewg garaxxijiet kontigwi u mniffda ma' xulxin li jikkonsistu f'hanut u ufficcju sottostanti enumerati 20/20 fi Triq Kurat Schembri Mosta.

Joseph Bonnici miet, u fil-31 ta' Ottubru 1999 l-istess Adrian Borg ircieva struzzonijiet mis-*Central Debt Recovery Unit (CDRU)* biex jibda proceduri ghall-izgumbrament kontra l-eredi ta' Joseph Bonnici jew okkupanti tal-fondi imsemmija, li l-Bank kien xtara bis-subbasta.

Xehed **Keith Cilia**[2] li jahdem mas-CDRU tal-Bank attur. Qal li wara s-subbasta kienu saru diversi laqghat mal-klijenti li kienu *Bonear Communications Limited* u l-konjugi Bonnici, u "*konna wasalna ghall-ftehim li l-klijenti jizgumbraw mill-fond amikevolment u l-bank min-naha tieghu jintrabat li jaghlaq il-kontijiet kollha li kellu l-klijenti u dawk il-kontijiet kollha ohra tal-garanti li kellu f'ismu personali u dan in full and final settlement. Dan il-ftehim kien wiehed verbali u qatt ma tnizzel bil-miktub.*"

[1] Affidavit a fol.23 et seq. tal-process.
[2] Xhieda a fol. 27 et.seq. tal-process.

Joseph Bonnici miet fl-2002 u b'turija ta' rispett il-Bank halla z-zmien jghaddi sabiex il-familjari tieghu jonoraw il-ftehim milhuq bil-fomm mad-decujus. Saret laqgha fl-24 ta' Settembru 2002 mal-Avukat Pio Valletta, flimkien ma Teresa Bonnici u l-eredi tad-decujus. Spjegawlhom li sa minn Mejju 2002 kienu ftehmu verbalment mal-mejjet li l-proprjeta' li l-Bank xtara b'subbasta kellha tigi zgumbrata sal-ahhar ta' Awwissu 2002 u l-Bank ma kienx ha l-passi mehtiega b' rispett lejn il-mejjet u l-familja tal-mejjet. F'din il-laqgha l-Avukat Valletta kien saqsa jekk il-Bank kienx lest li jiehu l-proprjeta` *bil-pussess vakanti 'in full and final settlement'* u l-bilanc jigi ‘written off'. It-twegiba tal-Bank kienet li kellu jressaq din it-talba bil-miktub.

Ghalkemm il-Bank ma ntrabatx dwar din il-proposta halla sitt xhur jghaddu mill-laqgha ta' Settembru biex jaghti l-opportunita` lill-eredi tal-mejjet biex jirrangaw is-sitwazzjoni. Mal-iskadenza tas-6 xhur hu baghat ittra datata l-5 ta' Marzu 2003 lil Teresa Bonnici fejn talabha tikkomunika mal-Bank sal-15 ta' Marzu 2003 (**Dok. KC2**). L-ittra giet segwita b'ittra ohra tal-24 ta' Marzu 2003 (**Dok. KC3**). It-tnejn baqghu minghajr risposta. Kitbu wkoll lill-Avukat Valletta (**Dok. KC4** u **KC5**). Istitwew dawn il-proceduri meta raw li dan kien kollu ta’ xejn.

Xehed **il-Perit Carmel Farrugia**[3] u kkonferma stima li kien ghamel ghall-bank tal-valur lokatizju tal-fond fl-ammont ta' Lm3,625 fis-sena.

Xehdet **Teresa Bonnici**[4] u kkonfermat li l-proprjeta` li tinsab f’ 20/21 Triq il-Kurat Schembri Mosta kienet tappartjeni lilha u lil zewgha u kienet kompriza fl-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Din hija r-residenza taghha, ta’ bintha li kienet minorenni, u kienet tirrisjedi hemm wkoll ommha Maria Micallef li, izda, xi sentejn qabel marret tabita f'dar tal-anzjani.

Wara li miet zewgha, hi u wliedha riedu jafu x'kienet il-pozizzjoni mal-Bank u ltaqghu mal-ufficjali tal-Bank

---

[3] Xhieda a fol. 37 tal-process

[4] Xhieda  a fol.56 tal-process.

f'Hexagon House Blata l-Bajda. Maghha gew hu - zewgha Lawrence Bonnici, u z-zewg uliedha Martin u Anton flimkien mal-Avukat tal-familja Dr. Pio Valletta. Hi xehdet :-

"*Kont naf li d-dar kienet ipotekata favur il-bank attur. L-ipoteka kienet taghmel tajjeb ghal facilita' bankarji li kienet inghatat lill-kumpanija Buon Air Communications Ltd."* Zewgha kien id-direttur Manigerjali, u hi dejjem fdatu. Hi qalet li qatt ma kienet imsejha personalment mill-bank biex tinghata taghrif -"*Jiena kont naf bil-proceduri li kien ha l-bank fil-konfront tal-proprjeta' taghna, kien pero` fi zmien li zewgi kien ghadu haj."*

Hi kienet taf li saru proceduri min-naha tal-Bank li bis-sahha taghhom ittehditilhom xi ghamara mid-dar. "*Minbarra dik il-procedura jiena ma kont naf bl-ebda proceduri ohrajn mill-bank fuq id-dar taghna hlief ..li konna gejna mgharfin li d-dar kienet inbieghet wara li konna morna inkellmu lill-Bank fi Blata l-Bajda."*

*"Jekk gew xi atti mill-Qorti d-dar taghna, jien kont inhallihom maghluqin ghaliex lil zewgi kont nafdah u nghaddihomlu. Illum il-gurnata nghix bil-pensjoni tar-romol u li kieku kellha tintlaqa' t-talba tal-bank attur biex ninhareg mid-dar m'ghandix fejn immur noqghod."*

**In kontro-ezami** xehdet li, riferibbilment ghal dak li xehdet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fil-kawza fl-ismijiet "***Teresa Bonnici v HSBC Bank Malta plc (Cit 861/04)"*** qalet li "*ghalkemm nistqarr li dik l-ittra kont ircevejtha ma kontx naf li qieghda ssir referenza ghal bejgh bis-subbasta tad-dar ghaliex kieku bit-tlett itfal kif kont, kont nara x'naghmel biex dik il-procedura ma tkomplix."*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi qabel xejn il-Qorti tirrileva li gew introdotti ammendi komprensivi fis-Subtitlu li jirregola s-subbasta fil-mori ta' dawn il-proceduri izda l-Qorti tifhem u applikat id-dispozizzjonijiet li kienu vigenti fiz-zmien tas-subbasta in kwistjoni.

Din il-kawza imxiet mal-kawza fl-ismijiet inversi li d-decizjoni taghha inghatat illum stess (Citazz. numru **861/04LSO)** u f'kaz li l-proceduri tas-subbasta mertu ta' din il-kawza jirrizultaw li huma nulli, allura din il-Qorti ma tistax takkolji t-talba ghall-izgumbrament tal-konvenuti.

Jirrizulta ppruvat mix-xhieda u mill-atti esebiti fiz-zewg kawzi li l-Bank gie aggudikat l-fondi mertu ta' din il-kawza wara bejgh bl-irkant li sehh fuq ordni tal-Qorti li, kontrarjament ghal dak allegat mill-konvenuta, kienet giet notifikata lilha.

Mill-atti tas-subbasta esebiti fil-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi, jirrizulta li kien hemm zewg appuntamenti ghall-bejgh bl-irkant, wara li terza persuna kienet kisret il-kwindena. L-ewwel appuntament kien ghall-1 ta' Frar 2000 u t-tieni wiehed ghall-11 ta' April 2000. Mill-atti processwali tas-subbasta esebiti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi a fol. 33 et. seq, jirrizulta li Teresa Bonnici giet notifikata personalment bid-Digriet tas-6 ta' Ottubru 1999 li ffissa l-ewwel appuntament ghall-bejgh bl-irkant (riferta a fol. 87).

Jirrizulta ppruvat ukoll li hi giet notifikata bit-tieni appuntament ghall-bejgh bl-irkant ghall-11 ta' April 2000 permezz ta' posta registrata.

Izda huwa daqstant ippruvat li l-konvenuta, *qua* debitrici, ma gietx notifikata bit-talba tal-Bank ezekutant ghall-approvazzjoni tat-tpacija u bic-Cedola ta' kompensazzjoni ipprezentati fit-12 ta' April  2000. Skont  id-dispozizzjoni tal-artikolu **338(1) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenuta bhala debitrici, kellha tigi notifikata bir-rikors ghall-approvazzjoni tat-tpacija.

Il-Qorti, fis-sentenza taghha moghtija llum fil-kawza inversa (Cit.861/04 LSO) qieset li l-**artikolu 338(1) tal-Kap. 12** jirrikjedi n-notifika tad-debitur *ad validitatem* u fl-assenza ta' din in-notifika, ikkonkludiet li d-Digriet ta' l-approvazzjoni tat-Tpacije hija nulla peress li  l-konvenuta

ma nghatatx l-opportunita` ghas-smigh xieraq f'din il-fazi tal-proceduri tas-subbasta.

B'dan ma jfissirx li r-rikors ghall-approvazzjoni tat-tpacija u c-Cedola ta' kompensazzjoni huma fihom infushom difettuzi jew nulli. Dawn huma validi kif inhuma validi l-atti gudizzjarji li pprecedew il-liberazzjoni tal-fondi fil-11 ta' April 2000 u dawk li segwew il-prezentata tar-rikors tat-tpacija u tac-cedola imsemmija sakemm inghatat l-approvazzjoni finali tat-tpacija b'Digriet tal-Qorti tal-21 ta' Marzu 2002. Din il-Qorti tqis li dawn l-atti gudizzjarji ma jikkominawx f'ebda mir-ragunijiet ghan-nullita` elenkati fl-artikolu 789 tal-Kap. 12 u, kif gja spjegat, ghandhom jitqiesu li huma validi *ai* finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Lanqas hija nulla l-liberazzjoni tal-immobbli mertu ta' din il-kawza favur il-Bank. Il-konvenuta giet notifikata regolarment bid-Digriet ta' appuntament tas-subbasta u b'hekk inghatat kull opportunita` sabiex issegwi l-proceduri u taghmel is-sottomissjonijiet taghha. Dan ma ghamlitux mhux minhabba xi nuqqas ta' notifika, jew nuqqas iehor procedurali, imma minhabba li ghazlet li ma taghmel xejn. Din it-traskuragni ma tistax tigi premjata. Anzi hija d-diligenza u l-vigilanza li ghandhom jigu premjati fuq l-iskorta tal-massima legali "*vigilantibus jura prosunt."*

**Ikkonsidrat** izda li l-kunsinna tal-beni mmobbli ssir *ipso jure "bil-liberazzjoni finali u bid-depositu tal-prezz fil-Qorti jew bl-approvazzjoni tat-tpacija."(***Art 331(1)** u dan gie interpretat mill-Qrati taghna fis-sens li t-trasferiment tal-proprjeta' lix-xerrej jitqies li jsir taht kondizzjoni sospensiva "*quante volte cioe` il liberatario avra' depositato entro il termine legale il prezzo offerto, ovvero in caso di compensazione, qualora avra' presentato la relativa cedola ed avra' ottenuto l'approvazione della compensazione offerta " (***P.A.** 1 ta' Mejju 1875 "***Mifsud -v- Camilleri" -* Vol VII 400** citat fil-gabra ta' "*Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civile"* **Gius. Cremona (**1935) (Vol.1) p.699*)*.

Ghalhekk minkejja li l-Bank ottjena tali liberazzjoni, il-kunsinna tal-proprjeta' subbastata ghadha ma saritx validament minnhabba li din il-Qorti qieset li d-Digriet ghall-approvazzjoni tat-tpacija hija nulla u ghalhekk it-talbiet dedotti f'din ic-citazzjoni ma jistghux jigu milqugha in kwantu li t-titlu tal-Bank ghadu ma jistax jigi meqjus li gie ipperfezjonat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu li dawn huma kompatibbli mas-sentenza moghtija illum stess fil-kawza fl-ismijiet " ***Teresa Bonnici v HSBC Bank Malta plc (Cit 861/04)"*** , **tichad** it-talbiet attrici in kwantu li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

*Stante* in-natura legali tal-punti sollevati f'din il-kawza u fil-kawza konnessa numru 861/04 LSO, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------